# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 341/22/1 GG**

**Avukat Dr Pio M. Valletta**

**v.**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali**

**Il-Qorti:**

1. Ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Settembru 2023 li biha laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimat u ċaħdet it-talba tar-rikorrent għar-ritassa tad-drittijiet fil-kawża Dr AM Hassan Elshanti nomine v. Shaker Own nomine (Rikors 698/2015) li nħarġet fil-21 ta' Marzu 2022.

2. Fil-qosor bħala fatti jirriżulta li:

i. Ir-rikorrent kien ippatroċina lill-konvenuta Executive Authority for Air Cargo and Special Flights fil-kawża 698/2015 deċiża fil-25 ta' Settembru 2020. Għall-awtorità estera kien qiegħed jidher ċertu Shaker Own bħala rappreżentant. Dan sakemm fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020 deher avukat ieħor u ppreżenta nota li biha ddikjara li kien qiegħed jassumi l-atti tal-kawża f'isem l-awtorità konvenuta. Waqt dik is-seduta ddikjara wkoll li kien qiegħed jirtira l-eċċezzjonijiet kollha li ngħataw mill-awtorità konvenuta u li l-Qorti tista' tagħti s-sentenza.

ii. F'dik il-kawża l-attriċi United Aviation Company SpA, talbet *inter alia* dikjarazzjoni li hi proprjetàrja ta' żewġ ajruplani li kienu f'Malta (numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAB u 5A-UAC rispettivament) u sabiex l-awtorità' konvenuta tirritorna l-pussess tal-ajruplani lura lill-attriċi u fin-nuqqas tiġi awtorizzata sabiex tieħu l-pussess effettiv u materjali tal-istess ajruplani.

iii. B'rikors preżentat fl-1 ta' Lulju 2020, ir-rikorrent ilmenta li ma kienx tħallas id-dritt tiegħu u għalhekk l-avukat l-ieħor ma kellux jaċċetta l-inkarigu li jieħu post ir-rikorrent bħala difensur. Id-difensur il-ġdid wieġeb li l-ħatra ta' Shaker Own bħala kuratur tal-awtorità' kienet

irregolari. F'kull każ ir-rikorrent kien inkarigat mill-kuratur, il-persuna responsabbli biex tħallas lir-rikorrent.

iv. Fil-25 ta' Settembru 2020 ingħatat is-sentenza mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla li biha laqgħet it-talbiet tal-attriċi. Il-Qorti ordnat ukoll li l-ispejjeż huma a karigu *"tal-intimati in solidum bejniethom"*. Fir-realtà konvenuta waħda kien hemm. Ma jirriżultax li s-sentenza ġiet appellata. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi wara li kkunsidrat li l-awtorità' konvenuta kienet irtirat l-eċċezzjonijiet kollha u li kien hemm ftehim datat 16 ta' Novembru 2016 bejn l-attriċi u l-awtorità konvenuta li bih ġie kkonfermat li l-ajruplani meritu tal-kawża huma proprjetà tal-attriċi u għalhekk, *"20..... u bħala riżultat, il-kawżi kollha pendenti kellhom jiġu tranżatti – fatt illi attwalment qatt ma seħħ"*.

v. Fil-21 ta' Marzu 2022 ir-Reġistratur ħareġ taxxa bid-dritt tal-avukat ikun €348.

vi. B'rikors preżentat fl-20 ta' April 2022, ir-rikorrent talab ir-ritassa għaliex isostni li d-dritt tiegħu ma kellux jiġi kalkolat bħala punt ta' dritt iżda kellu jiġi ntaxxat *ad valorem*. Ir-rikors kien notifikat lil wieħed mid-difensuri tal-kumpanija attriċi, lill-avukat Dr John Refalo li b'nota tas-26 ta' Ġunju 2020 assuma l-atti tal-kawża għan-nom tal-awtorità konvenuta, lill-prokuratur legali li ffirmat ir-rikors maħluf 698/2015, lill-

prokuratur legali li ffirma t-tweġiba maħlufa fl-istess kawża u lir-Reġistratur. Kien biss ir-Reġistratur li ppreżenta t-tweġiba.

vii. B'digriet mogħti fis-27 ta' Marzu 2023 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-avukat Dr John Refalo sabiex fil-kawża ta' ritassa jissejħu l-partijiet, avukati u prokuraturi legali kollha li ssemmew fil-kawża 698/15. L-Ewwel Qorti rraġunat li l-avukat Dr Refalo ma kienx parti fil-kawża ta' ritassa u għalhekk qieset li r-rikors hu null u ddikjarat li ma tqisux iktar.

viii. Għas-seduta tal-14 ta' Frar 2023 quddiem l-Ewwel Qorti, kien preżenti l-avukat Dr John Refalo. Deher ukoll fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 filwaqt li fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023 deher l-avukat Dr Mark Refalo.

ix. Min-naħa tiegħu r-Reġistratur wieġeb li:

a) Fil-kawża ta' ritassa kellhom jipparteċipaw il-partijiet kollha nvoluti fil-kawża u f'kull każ Art. 64 tal-Kap.12 jipprovdi li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min għandu interess fih, u jkollu 20 jum sabiex iwieġeb.

b) Fil-meritu l-ilment tar-rikorrent hu dwar para 4(e) tat-Tariffa A li jirregola l-mod kif jiġi ntaxxat id-dritt tar-reġistru u mhux tal-avukat.

Għall-finijiet tad-dritt tal-avukat, il-kawża kellha tiġi ntaxxata mhux *ad valorem* (paragrafu 13 tat-Tariffa E) iżda skont paragrafu 15(a) tat-Tariffa A. Inoltre, fil-kawża in kwistjoni kien sar ftehim li wassal sabiex l-intimata rtirat l-eċċezzjonijiet tagħha u għalhekk il-pussess tal-ajruplani ser jibqa' f'idejn l-attriċi.

3. Bis-sentenza tas-26 ta' Settembru 2023 l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat. Imbagħad fir-rigward tal-meritu qalet hekk:

> *"7. Kwantu l-mertu, rat l-affidavit tal-avukat Dottor Pio M. Valletta u semghet ix-xiehda tal-assistant Registratur Qrati Civili u Tribunali u rat is-sentenza Rikors numru 698/2015 FDP prolatata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u kkunsidat illi fid-decizjoni taghha l-Qorti ma kinitx mitluba tikkonsidra punti ta' dritt u ma xtarret jew kkunsidrat ebda punt ta' dritt tant illi sejset id-decizjoni taghha fuq ftehim milfuq fil-mori bejn il-partijiet senjatament fejn l-awtorità' intimata kkonfermat li l-ajruplani in kwistjoni jappartjenu lir-rikorrent f'dik il-kawza: "Jirrizulta illi, abbazi ta' tali ftehim datat 16 ta' Novembru, 2016, kif ukoll abbazi tal-fatt illi l-awtorità' intimata rtirat l-eccezzjonijiet kollha u ma ressqet ebda eccezzjonijiet ohra, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tipprocedi biex tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, kif dedotti.". ghalhekk l-Ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fuq ezami ta' fatt mhux kontestat;*
>
> *8. Illi madanakollu, l-Qorti issa trid tiddisponi mill-eccezzjoni tar-Registratur fil-mertu meta jghid illi " l-para 4 (e) tat-Tariffa A jirregola l-mod ta' kif ghandha tigi ntaxxata l-kawza b'riferenza ghad-dritt tar-registru u mhux id-dritt dovut lil avukat". U hawnhekk ghandu ragun ir-Registratur ghaliex fit-talba tieghu r-rikorrenti qed jistenna lil din il-Qorti tordna li tinhadem it-taxxa mill-gdid a bazi tat-Tariffa A li tinsab fl-Iskeda A, para 4(e) liema Skeda tirreferi ghad-drittijiet li ghanhdom jithallasu lir-registru u mhux lill-avukati liema drittijiet huma regolati bit-Tariffa E tal-istess Skeda;*"

4. Fis-26 ta' Ottubru 2023 ir-rikorrent appella mis-sentenza, bl-aggravju jkun:

*"1. It-talbiet tar-rikorrent apellant Kontenuti fi-rikors tighu huma sabiex tigi mhassra u revokata it-taxxa tad-drittijiet tal-kawza fl-ismijiet "Dr. AM Hassan Elshanti nomine vs Shaker Ownn nomine" [Rikors Guramentat Numru: 698/2015 FDP] u sabiex jigi ordnat li t-taxxa tinhadem mill-gdid ghab-bazi tal-ammonti dikjarti u mahlufa mill-kumpanija United Aviation Company fil-mandat ta' arrest ta' ingenji tal-ajru numru 1043/15 u 1044/15.*

*2. L-intimat appellat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ma hadimx it-taxxa skond it-Tariffa applikabbli kemm jekk din hija it-Tariffa A jew it-Tariffa E.*

*3. I-ligi tistabilixxi x'inhuma 1-kriterji li r-Registratur ghandu jimxi fughom meta jigi biex jintaxxa l-ispejjez ta' kawza. Dawn il-kriterji huma missra fit-Tariffa A (Par. 4) u fit-Tariffa E (Par. 13 sa 15) li jaghmlu parti mill-Iskeda "A" tal-Kodici tal-Organizzazzioni u Procedura Civili - Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.Minbarra dan, il-valur ta' kawza huwa determinabbli wkoll minn regoli li l-istess Kodici jhaddan dwar l-ghamla tat-talba li tkun. Issir riferenza ghall-Artikolu 748 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad li "l-valur tal-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba: (a) meta t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata; (b) meta t-talba hija ghall-haga li l-valur taghha hu determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni, jew f xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulhadd, jew bil-prezz kurrenti'.*

*4. F'dan il-kaz huwa minnu li fir-rikors guramentat riferibbli ghall-kawza oggett u mertu ta' dan ir-rikors ma ntalab ebda ammont jew somma u ebda valur ma jidher fl-istess rikors guramentat. Huwa minnu wkoll li bhala principju stabilit, il-valur ta' kawza jitqies fuq it-talbiet u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi. Madankollu, ir-regola li l-valur huwa meqjus mit-talba, jew mis-sentenza meta l-ebda valur ma jissemma fit-talba, ma hijiex wahda inflessibbli, ghaliex hija ragonevolment kwalifikata bil-principju li meta mill-kumpless tal-kontestazzioni jkun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni attrici, allura t-tassazzioni ssir fuq dak il-valur (ara Prim' Awla 5 ta' Gunju, 2003 fil-kawza fil-ismijiet Albert Bezzina Wettinger vs Ir-Registratur tal-Qorti et u Prim' Awla P.A. 24.7.1946 fil-kawza fl-ismijiet Micallef et vs Micallef et. (Kollez. Vol:XXXII.ii.424)].*

*5. It-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lill-avukat f kawza li fiha tkun inghatat decizjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tghid li dik id-decizjoni tigi intaxxata ad valorem jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process". Dan ifisser li 1-valorizzazzioni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti.*

*6. Fil-kaz li huwa oggett u mertu ta' dan ir-rikors [Rikors Guramentat Numru 698/2015 FDP] minn ezami tar-rikors guramentat tal-kumpanija attrici United Aviation Company johrog bic-car li bhala parti mill-process hemm il-mandati ta' arrest ta' inegnji tal-ajru bin-*

*numri 1043/15 u 1044/15 [Dokumenti mmarkati "A1" u "A2" mar-rikors guramentat] fejn jinsab dikjarat u mahluf l-valur approssimattiv ta' kull wiehed miz-zewg ajruplani li t-titolu ta' proprjetà taghhom kien oggett u mertu tal-kawza promossa u sussegwentement deciza.*

*7. Meta wiehed iqis, li kienet l-istess socjeta rikorrenti fl-imsemmija kawza li ressqet l-imsemmija mandati ta' arrest ta' ingenji tal-ajru bhala prova favuriha fl-imsemmija kawza, huwa zgur li kellha l-fehma li t-taghrif kontenenti fl-imsemmija mandati kien ta' ghajnuna ghat-tezi taghha fdik il-kawza. Daqsatant iehor ghandu jinghad li tali dokumenti jaghmlu parti essenzjali mill-inkartament li wassal ghall-ghoti tas-sentenzi fl-ewwel grad li dwara u in segwitu ghaliha inharget it-taxxa tal-ispejjez li geghda tigi impunjata."*

5. Ir-rikors tal-appell kien notifikat lill-istess persuni li lilhom ġie notifikat ir-rikors pormotur li bih ir-rikorrent talab ir-ritassa, iżda ħadd minnhom ma wieġeb.

6. Evidenti li r-rikorrent għandu interess li jiġi ntaxxat id-dritt tiegħu fil-kawża 698/2015 deċiża fil-25 ta' Settembru 2020, dan irrispettivament dwar il-kwistjoni li jista' jkun hemm mal-awtorità' li kien qiegħed jippatroċina matul il-kawża 698/2015. L-atti ta' dik il-kawża juru li fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020 ma baqax jippatroċina lill-konvenuta hekk kif l-avukat Dr John Refalo assuma l-atti tal-kawża f'isem l-awtorità konvenuta Executive Authority for Air Cargo and Special Flights.

7. Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023 xehdet Charmaine Bugeja u spjegat li t-talbiet fir-rikors maħluf kienu kollha ta' natura dikjaratorja u għalhekk id-dritt tal-avukat kellu jiġi ntaxxat skont paragrafu 15 tat-Tariffa E.

8. F'każ ta' tassazzjoni ta' kawża, il-Qorti trid tara x'kien l-oġġett tal-kawża.

9. Hemm ġurisprudenza li tgħid li sabiex issir taxxa *ad valorem* irid ikun hemm passaġġ ta' flus jew trasferiment ta' proprjetà. Fis-sentenza Avukat Dottor Carmelo Galea v. Silvio Zammit tal-15 ta' Lulju 2009, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet li t-tassazzjoni għandha tiġi regolata mit-talba, iżda:

> *".... mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens ta' l-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod dispatutum est) jista' jiġi indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda (Avv. Dr Giuseppe Pace et – vs Avv Dr Giuseppe Vella nomine et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 1 ta' Ottubru 1948)".*

10. Id-dritt ta' avukat jiġi ntaxxat skont Tariffa 'E' mhux it-Tariffa 'A' li tipprovdi għad-dritt tar-Reġistru. Fir-rikors promotur ir-rikorrent għamel referenza għall-paragrafi 3 u 4 tat-Tariffa A presumibbilment sabiex jissostanzja l-argument tiegħu li t-taxxa kellha tkun waħda *ad valorem*, ġialadarba fil-kawża 698/2015 l-attriċi talbet dikjarazzjoni li ż-żewġ ajruplani huma proprjetà tagħha (l-ewwel talba tar-rikors maħluf) u sabiex l-awtorità konvenuta troddhom lura (t-tielet talba)).

11. Il-kawża kienet waħda ta' rivendika u li fiha l-awtorità' konvenuta kienet qiegħda wkoll tippretendi li hi l-proprjetàrja tal-ajruplani. Hu veru li

l-attriċi fetħet il-kawża bil-għan biex terġa' tieħu lura l-pussess ta' żewġ ajruplani li qalet li huma proprjetà tagħha. Madankollu, il-kwistjoni prinċipali fil-kawża kienet dwar min hu l-proprjetàrju tal-ajruplani. Kien imbagħad fil-mori tal-kawża li ntlaħaq ftehim bejn il-partijiet u eventwalment ingħatat sentenza a bażi ta' dak il-ftehim.

12. Paragrafu 14 tat-Tariffa 'E' jipprovdi li meta dikjarazzjoni jkun fiha punt ta' liġi jew ta' fatt li *".... ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit"*. Paragrafu 13 ta' Tariffa E jipprovdi kif issir it-tassazzjoni *ad valorem*. Fil-kawża 698/2015 kien ċertament qiegħed jintalab deċiżjoni dwar punt ta' fatt u ta' liġi, ċjoè ta' min kienet il-proprjetà tal-ajruplani u liema mobbli għandhom valur. [1] Kwistjoni li baqgħet kontestata sakemm ir-rikorrent baqa' jiddefendi lill-awtorità konvenuta.

13. L-ajruplani ovvjament għandhom valur, u li għall-finijiet ta' mandati li nħarġu fuq talba tal-attriċi kien dikjarat li għandhom valur ta' €35,000,000 (mandat ta' arrest kawtelatorju numru 1053/15) u

[1] Fis-sentenza Albert Bezzina Wettinger v. ir-Reġistratur tal-Qorti et (5 ta' Ġunju 2003) tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, il-kawża li dwarha kienet tirreferi t-taxxa kontestata, kienet waħda ta' rivendika iżda ta' immobbli. F'dak il-każ ukoll it-taxxa inħadmet *ad valorem* fuq dokumenti li kien hemm fl-atti tal-kawża li dwarha r-Reġistratur ħareġ it-taxxa, u l-kontestazzjoni kienet biss dwar il-valur li ntuża sabiex ir-Reġistratur intaxxa d-dritt tal-avukat. Ma kienx kontestat li t-taxxa kellha tinħadem *ad valorem*.

€32,000,000 (mandat ta' arrest kawtelatorju numru 1044/15) rispettivament.

14. Fil-kawża 698/2015 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla bbażat id-deċiżjoni fuq ftehim ta' tranżazzjoni li ġie eżebit mill-attriċi (fol. 121). Fatt li jwassal għat-tnaqqis tad-dritt tal-avukat skont l-istess tariffa, flimkien mal-fatt li ma baqax jippatroċina lill-awtorità sal-aħħar tal-kawża. Madankollu, ma jbiddel xejn mill-fatt li t-tassazzjoni għandha ssir *ad valorem* għall-finijiet tad-dritt li jispetta lir-rikorrent.

15. Fl-aħħarnett il-Qorti tagħmilha ċara li din id-deċiżjoni tolqot biss it-taxxa tar-Reġistratur in kwantu jirreferi għad-dritt tar-rikorrent Dr Pio Valletta.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti billi minflok tiċħad l-eċċezzjoni fil-meritu tar-Reġistratur u filwaqt li tħassar it-taxxa biss għal dak li jirrigwarda d-dritt tal-avukat Dr Pio Valletta fil-kawża 698/2015 deċiża fil-25 ta' Settembru 2020, tordna lir-Reġistratur sabiex jaħdem dik il-parti tat-taxxa mill-ġdid b'mod li jkun konformi ma' dak li ntqal hawn fuq.

Spejjeż tal-appell a karigu tar-Reġistratur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da